26 ta' Awissu 2009

Ref. 5/194/04

**Laqgha Nru .30**

Il-Kunsill iltaqa' fl-ufficju Amministrattiv, fi Gnien Pawlu Boffa, Triq il-Knisja, Paola nhar it-Tlieta 25 ta' Awissu 2009. Il-Laqgha bdiet fis-6.00pm. Ghal-laqgha kienu prezenti s-Sindku Dominic Grima, il-Vici-sindku Alfred Borg, il-Kunsillier Lynch, il-Kunsillier Seychell, il-Kunsillier Dalli u l-Kunsilliera Ebejer. Kien hemm prezenti wkoll is-Segretarju Kevin Borg u l-iskrivana Alison Panzavecchia. Is-Sindku Dominic Grima ppressedja din il-laqgha.

**1. Approvazzjoni tal-Minuti**
**Minuti tal-laqgha Nru. 29**

Dawn il-Minuti gew approvati mill-Membri prezenti w iffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju.

**2. Korrispondenza**

**2.1 - Ittra mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali mis-Sinjorina Gemma Debono** dwar iz-zewg offerti tat-tenders tal-*Public Convenience* u ta' l-*istreet Sweeping* minhabba li dawn ma kinux l-orhos offerti u ghalhekk il-Kunsill gie mitlub sabiex jissospendi l-ghoti ta' dawn it-tenders.

**2.12** - Is-Segretarju gibed l-attenzjoni tal-kunsill li ma gietx segwita l-procedura kif stipulate f-Kap 363 Art. 40 (2).

Il-Kunsillier Dalli staqsa meta suppost ghalqu dawn it-tenders.

**2.13** – Is-Sindku qal li fil fehma tieghu l-Kunsill ghandu jirrevoka dawn it-tenders u ma jinghataw lill ebda offerent la dawn it-tenderers kienu ghadhom ufficjalment mhux infurmati. Il-Kunsill qabel ma dan unanimament.

**2.14** - Is-Sindku kompla qal li qed jissugerixxi li minhabba li issa l-*Contract Manager* mhux ser ikollu kuntratti godda fuq xiex jahdem u jissorvelja, dan ghandu jaqa' ukoll. Il-membri tal-Kunsill approvaw.

**<u>2.15 – Ittra mill-Kunsill Lokali Fgura</u>** dwar *Bring-In-Sites* taht l-Art li ser imissu mal-konfini ta' Paola. Il-membri tal-Kunsill qabblu li tintbaghat ittra lil Kunsill Lokali Fgura li l-Kunsill qed joggezzjona minhabba l-ilmenti tar-residenti.

**<u>2.16 – Ittra mill-Girl Guides</u>** biex il-Kunsill Lokali jaghti donazzjoni ghal *premises* godda taghhom nru 5, fi Triq il-Foss.

Il-membri approvaw 200 Euro.

**<u>2.17 – Ittra mis-Sinjorina Lara Vassallo</u>** dwar *Creative & Thinking Skills* biex ikomplu jsiru fix-Xitwa wkoll. Il-membri qabblu li l-Kunsilliera Ebejer taghmel laqgha mas-Sinjorina Vassallo dwar dan.

## <u>3. Progetti EU</u>

**3.1** - Il-Kunsillier Dalli qal li f'kull laqgha tal-kunsill ser jibda jitla' progett kif konna ftehmna.

**3.12** - Hu kompla jghid li trid tittiehed decizjoni rigward Memo 42. Din toffri skema ta' Fondi biex jigu organizzati Attivitajiet fil-Lokalita'. Dan il-progett jaghlaq fl-1 ta' Settembru 2009.

**3.13** - Hu kompla jghid li fil-lokal diga' ssir attivita' 'Milied Imdawwal' li jorganizzawha l-ghaqda De Paule. Il-Kunsillier Dalli qal li l-idea tieghu hi li tibqa' ssir l-attivita' bhal ma kienet 'Milied Imdawwal', u napplikaw ghall-din l-attivita' f'isem il-Kunsill Lokali Paola u meta l-Kunsill jiehdu l-fondi mill-EU, dawn jinqasmu nofs bejn il-Kunsill Lokali Paola u nofs bejn l-ghaqda De Paule.

**3.14** - Huwa ssugerixxa li l-Kunsill jiltaqa' mal-ghaqda De Paule u nitkellmu u niftehmu maghhom.

**3.15** - Rigward il-progett *Youth in Action*, l-idea tal Kunsill li jsir bdil ta' dokumentarji fuq X offenders, giet milqugha tajjeb hafna kemm mill-Awtoritajiet Maltin u kemm dawk Taljani.

**3.16** - Il-Kunsillier Dalli kompla billi qal li bl-esperjenza li ksibna mill-progett tal-haddiema tas-CCF, tghin hafna fil-progett li ha napplikaw ghalih, u b'hekk jirnexxilna ngibu l-fondi necessarji.

**3.17** - Il-Kunsillier Dalli qal li Dr Malcolm Borg ghen hafna b'mod volontarju biex napplikaw ghal dawn il-progetti.

**3.18** - Huwa qal ukoll li l-Kunsilli precedenti, applikaw hafna drabi ghal xi progetti, izda dawn qatt ma waslu.

**3.19** - Il-Kunsillier Dalli qal li t-tieni progett jaghlaq fl-ahhar ta’ Ottubru 2009. Il Kunsill ta l-awtorizzajoni lill-Kunsillier Dalli biex ikompli jahdem fuq dawn l-inizjattivi.

**<u>4. Progetti Gnien Pawlu Boffa</u>**

**4.1** - Is-Sindku qal li bhalissa ghaddej il-progett ta’ Gnien Pawlu Boffa u li l-ewwel fazi huma l-passaggi u l-bankini. Is-Sindku kompla jghid li l-pjanta ta’ dan il-progett giet approvata mill-MEPA. Hu kompla jghid li l-haddiema tac-CCF qeghdin jahdmu hafna u b’hekk qed niffrankaw il-flus.

**4.12** - Is-Sindku qal ukoll li t-tieni fazi tal-progett l-ahjar li tkun fuq il-gnien u fejn ser jinzerghu xi fjuri, Bandli godda u sistema ta’ *dripp irrigation*.

Il-membri tal-Kunsill qabblu ma’ dan.

**<u>5. Pagamenti</u>**

Is-Segretarju pprezenta l-lista ta’ pagamenti biex jigu approvati mill-Kunsill.

Il-Kunsillier Dalli qal li hu mhux ser japprova pagamenti ta’ l-2006.

**Item - cekk nru 2534** - Il-Kunsillier Dalli staqsa dwar dan il-pagament u ghalfejn inxtara l-injam. Is-segretarju spjega li dak l-injam nxtara biex saru r-*reception desk* tal-kunsill, l-*greenhouse* ta’ l-iskola u l-bankijiet tal-kcina.

Il-Kunsillier Borg Myatt dahal ghal-laqgha fis-6.30pm.

**Items - cekk nru 2519 u cekk nru 2557** – Il-Kunsillier Lynch qal li dawn il-pagamenti huma doppji. Is-segretarju spjega li cekk nru 2519 kienet l-attivita’ li l-Kunsill ghamel ghal Jum Paola u cekk nru 2557, hija l-attivita’ tal-librerija u d-drinks tal-banda fil-festa.

**Item – cekk nru 2580** – Il-Kunsillier Dalli staqsa dwar dak il-kont. Is-Segretarju spjega li dak il-kont huwa tad-dawl tal-kumitat kongunt tad-Dawl li kellna, (ta’ Maurice Mallia).

**<u>6. Ittra mill-Kappillan</u>**

Is-Segretarju qara l-ittri tal-kappillan.

Il-Kunsillier Dalli qal li hu w is-Sindku kienu ltaqghu mal-Kappillan fit-2 ta’ Dicembru 2009 u wara l-Kunsill kien baghatlu ittra fuq il-minuti li kien baghat hu ta’ dik il-laqgha.

Riward it talba tal kappillan biex:

**<u>6.1 – Restawr f’Sta.Ubaldeska</u>** – Is-Sindku qal li r-restawr irid isir mill-Gvern Centrali, u li t-talba ghal dan il-progett kienet diga’ saret.

Il-membri qabblu li nibghatu kopja ta' l-ittra fejn kienet saret talba mill-Kunsill ghal dan ir-restawr.

**<u>6.12 – Rikonoxximent tal-lokalita' Paola bhala Belt</u>** – Il Kunsill qabel ma dan.

**<u>6.13 – Tibdil tal-Isem ta' Pjazza Antoine De Paule</u>** – Il-membri qabblu li l-isem tal-Pjazza jibqa' Pjazza Antoine De Paule.

Il-Kunsillier Dalli qal li l-proponiment biex Triq it-Tarzna tinbidel fi Triq Kristu Re ma jregix. Huwa qal l- nhallu kollox kif inhu u ppropona li parti minn Triq il-Belt Valletta tinbidel u ssir Vjal Kristu Re.

Il-Kunsillier Borg Myatt qal li ser tinholoq tahwida kbira ghar-residenti minhabba d-*door numbering* ghax mhux ser titbiddel t-triq kollha izda parti minnha.

Hu kompla jghid li m'hawn l-ebda triq f'Malta b'zewg ismijiet differenti.

Il-Kunsillier Dalli ppropona li tinbidel Triq il-Knisja u ssir Vjal Kristu Re.

Il-membri tal-Kunsill qabblu li tinkiteb ittra mill-Kunsill b'dan il-proponiment lil kumitat ta' l-ismijiet tat-toroq.

**<u>6.14 – Traffic Management tal-Pjazza Antoine De Paule</u> –** Is-Sindku qal li niktbu ittra lill-kappillan biex ninfurmawh li din it-talba diga' saret lill-Gvern Centrali.

Il-Membri qabblu ma' dan.

**<u>6.15 – Attivita' Civika fit-30 ta' Gunju 2010</u>** – Il-Kunsillier Borg Myatt staqsa dwar x'jifhem b'din l-attivita'.

Is-Sindku qal li l-kappillan qed jitlob biex issir attivita' f'isem il-Kunsill Lokali biex jigi nawgurat dan ic-centinarju. Hu ssuggerixxa li ssir attivita' hdejn il-Knisja ta' Sant'Ubaldeska fejn kien hemm l-arblu u jqabbdu lill-Banda Kristu Re u l-Banda ta' l-Ghaqda Socjali Muzikali Kristu Sultan jdoqqu flimkien.

Il-Kunsillier Borg Myatt qal li billi z-zewg baned idoqqu flimkien, ma jarax li ser jintlahaq l-iskop tac-centinarju. Huwa kompla jghid li kieku jistieden lil kappillan biex isir Kuncert wiehed fi Pjazza Antoine de Paule biz-zewg baned u b'zewg standardi.

Il-Kunsillier Dalli ssuggerixxa li qabel isir dan, issir laqgha maz-zewg ghaqdiet biex naraw jekk jaqblux ma' din il-proposta.

Il-membri qabblu ma' dan.

**6.16 – Ktejjeb bl-istorja ta' Paola** – Is-Sindku qal li hu jaqbel li nkunu l-*main sponsor* tal-ktieb u ghalhekk l-Kunsill Lokali jaghti parti mis-somma tal-ktieb.

Il-Kunsillier Borg Myatt qal li jekk ser jingabru r-reklami f'dan il-ktieb, hu ma jaqbilx li l-Kunsill jaghti somma.

Il-membri qabblu li l-Kunsill ghandu jitlob *dummy copy* tal-ktieb.

**6.17 – Donazzjoni ghall-Ispejjes tac-Celebrazzjonijiet** – Il-membri qabblu li jekk il-Kunsill ikun taha sehmu fil-ktieb u jkun ghamel attivita', allura jhoss li jkun ippartecipa tajjeb.

Il-Laqgha giet maghluqa fis-7.30pm.

Approvati Illum __________________

| | |
|---|---|
| _______________ | _______________ |
| Dominic Grima | Kevin Borg |
| Sindku | Segretarju |